**28 ta' Settembru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Consiglio Tabone

*versus*

Antonio Tabone, et noe.

**Kuratur — Assenti — Rappreżentanza ta' — Inkarigu — Estensjoni ta'**

*L-inkarigu tal-kuratur tal-assenti jestendi biss għall-iskop jew*

*għall-proċeduri fuq liema ġie nominat. Persuna nominat kuratur fuq ittra uffiċjali biex jiġi assenjat legat, mhix il-persuna idonea biex tirrappreżenta l-istess persuni assenti f'kawża għad-diviżjoni tal-eredità*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur — wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni — billi fid-disa' (9) ta' Lulju, 1953, (Dokument A) miet Carmelo Tabone missier il-kontendenti kollha ħlief Francis Tabone, li jiġi neputi tiegħu, u li b'testmenti unica charta ippubblikat fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Lulju, 1943, erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 1947, u erba' (4) ta' Novembru, 1948, min-Nutar Oscar Azzopardi (Dokument B, C u D), wara li ħalla xi prelegati favur l-attur istitwixxa bħala eredi tiegħu fi kwoti ugwali s-sitt kontendenti, u billi fil-ħdax (11) ta' Ġunju, 1960 (Dokument E), mietet Maria Antonia mart l-istess Carmelo Tabone, u li bit-testmenti fuq imsemmija (Dokumenti B, C u D), u b'testment ieħor tas-sittax (16) ta' Jannar, 1954, pubblikat min-Nutar Oscar Azzopardi (Dokument F), wara li ħalliet diversi prelegati, istitwit bħala eredi tagħha lill-attur u lill-konvenuti kollha ħlief Francis Tabone u billi l-attur, għalkemm interpella lill-konvenuti b'ittra uffiċjali tas-seba' (7) ta' Novembru, 1961, ma rnexxilux jasal għalranġament mal-istess konvenuti, talab li (1) jiġi likwidat l-assi tal-koakkwisti formanti bejn l-imsemmija Carmelo u Maria Antonia Tabone, billi dan l-assi jiġi dikjarat jikkonsisti fl-effetti li jirriżultaw waqt il-kawża u jiġi maqsum f'żewġ nofsijiet, nofs jiġi assenjat lil wirt ta' l-imsemmi Carmelo Tabone u n-nofs l-ieħor lill-wirt ta' l-imsemmija Maria Antonia Tabone (2), u li jiġi likwidat l-assi ereditarju ta' l-imsemmi Carmelo Tabone billi jiġi magħmul jikkonsisti minn nofs il-koakkwisti kif likwidat u minn beni oħra li jirriżultaw waqt t-trattazzjoni tal-kawża (3) u li jiġi likwidat l-assi ereditarju ta' l-imsemmija Maria Antonia Tabone billi jiġi magħmul jikkonsisti minn nofs il-koakkwisti kif likwidat u minn beni oħra li jirriżultaw waqt il-kawża, (4) u li l-assi ereditarju ta' Car-

melo Tabone jiġi maqsum f'sitt porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti kollha u assenjata porzjoni waħda lil kull waħda mill-kontendenti, (5) u li l-assi ereditarju ta' Maria Antonia Tabone jiġi maqsum f'ħames porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti kollha ħlief Francis Tabone, u assenjata porzjoni waħda *lil kull wieħed mill-kontendenti ħlief Francis Tabone*, u dan kollu wara li jiġu prelevati l-prelegati ordnati mit-testaturi, billi jiġi nominat perit legali biex jagħmel il-likwidazzjoni u diviżjoni li teħtieġ, Nutar biex jippubblika l-att tad-diviżjoni f'ġurnata, post u ħin li tiffissa dina l-Onorabbli Qorti u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi għall-att, bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-seba' (7) ta' Novembru, 1961 u tar-rikors għan-nomina ta' kuraturi tal-istess data.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu, kif ukoll id-dokumenti (Dok. A, B, C, D, E, u F) esibiti minnu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet *tal-konvenuti Antonio* Tabone, Caterina mart Lucrezio Axisa bħala kuratur nominat b'digriet tas-sittax (16) ta' Novembru, 1961, biex jirrappreżenta lill-assenti Feliċ u Giuseppe aħwa Tabone li biha qalu, li,

1. **In linea preliminari** illi l-kawża proposta mill-attur għal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-assi tal-miżżewġin Tabone mhix proposta skond il-liġi l-għaliex il-komparenti Antonio Tabone qatt ma ġie nominat kuratur "ad- litem" biex jirrappreżenta l-assenti Giuseppe u Felice aħwa Tabone u Francis Tabone peress li bid-digriet tas-sittax (16) ta' Novembru, 1961, dina l-Qorti kienet innominatu kuratur biex jirrappreżentahom f'ittra uffiċjali preżentata mill-attur unikament għall-immissjoni fil-pussess tal-legati minnu pretiżi, fil-mentri l-oġġett tal-kawża odjerna huwa totalment differenti, kwindi dana mhuwiex persuna leġittima biex jidher għal fuq imsem-

mija assenti u konsegwentement billi l-attur naqas b'dan il-mod li jirriforma ruħu ma' l-Art. 929 (i) u (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-ġudizzju jinstab mhux integru u mhux rit-walment propost u għalhekk hemm lok għal-liberazzjoni "ab observantia", bl-ispejjeż.

2. **Fil-meritu** u mingħajr preġudizzju l-eċċipjent jissot-tometti li b'nota preżentata fis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fid-disa' *(9) ta' Ottubru* ***1962****, il-*komparenti Antonio Tabone, Caterina Axisa, kif debitament assistita minn żewġha Feliċe u Giuseppe aħwa Tabone (Dok. A u B), irinunzjaw għall-eredità tal-ġenituri tagħhom u rre-servaw favur tagħhom il-leġittima u għalhekk f'dina l-kawża ta' likwidazzjoni tista' tiġi wkoll likwidata l-leġittima, b'riser-va ta' eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti fuq imsemmija u n-nota tax-xhieda tagħhom kif ukol id-dokumenti minnhom esibiti.

Rat in-nota tal-konvenuti Antonio Tabone u Caterina mart Lucrezio Axisa, tas-sbatax (17) ta' Ġunju, 1963 u d-dokumenti magħha preżentati.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Antonio Ta-bone, bħala allegat kuratur ta' l-assenti Francis Tabone, fejn qal li huwa kien ġie nominat kuratur fl-ittra uffiċjali tas-seba' (7) ta' Novembru, 1961, unikament biex jirrappreżenta lil Francis Tabone l-oġġett speċifikat f'dik l-ittra uffiċjali li huwa divers mill-oġġett tal-kawża preżenti u għalhekk dik ir-rappre-żentanza ma tiswiex għall-fini ta' din il-kawża, u għalhekk talab li jiġi liberat ab observantia bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine fuq imsemmi u n-nota tax-xhieda tiegħu.

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet lil Avukati fuq l-eċċezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat:

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li Antonio Tabone oltre li personalment ġie mħarrek ukoll bħala kuratur biex jirrappreżenta l-assenti msemmija fil-kawża talli kien ġie nominat fuq proċedura tal-Bandi wara l-ittra uffiċjali tas-seba' (7) ta' Novembru 1961, b'digriet tas-sittax (16) ta' Novembru, 1961, kuratur biex jirrappreżenta l-assenti msemmija fil-kawża b'liema ittra uffiċjali l-attur odjern kien interpella għall-pagament u immissjoni ta' pussess ta' legat mill-werrieta ta' Carmelo u Maria Antonia miżżewġin Tabone skond kif jibgħat fid-dokument F, preżentat man-nota tal-konvenut fis-sbatax (17), ta' Lulju, 1963. In vista ta' dana l-attur, odjern meta introduċa dina l-kawża reġa' ċċita għal-likwidazzjonijiet imsemmija fl-att promotorju ta' dana l-ġudizzju, lill-istess Antonio Tabone bħala kuratur ta' dawk l-istess assenti għal-liema proċedura qiegħed isib oġġezzjoni l-istess Antonio Tabone għar-raġuni li l-oġġett tal-talba odjerna huwa divers minn dak tat-talba preċedenti fejn l-istess Antonio Tabone kien aċċetta l-kurazija.

Ikkunsidrat:

Illi fil-ħsieb konsiderat ta' dina l-Qorti l-eċċezzjoni preliminari timmerita li tiġi milqugħa bil-favur. Infatti huwa prinċipju assolut fil-ġurisprudenza lokali li n-nomina ta' kuratur speċjalment nominat f'ġudizzju esawrit f'sentenza definitiva jew materja partikolari ma' għandu aktar vesti li jidher għall-istess persuna assenti jew eredità ġjaċenti f'ġudizzju ieħor jew fi proċedura intiża għall-otteniment ta' dritt jkun ġie maħtur istitwit kontra l-istess rappreżentati. Il-mandat tal-ku-

ratur jiċċessa bid-definizzjoni tal-ġudizzju (ara Prim'Awla Ċivili 23 ta' Ġunju 1874 Dimech nomine vs. Dr. Filippo Preziosi Vol. II paġ. 140, u Prim'Awla Ċivili tal-1 ta' Mejju, 1877 in re Nutar Vincenzo Napoleone Souchett vs. Gio Maria Camilleri Vol. VIII paġ. 174, u Prim'Awla Ċivili tal-24 ta' Ġunju, 1959, in re. Emanuele Agius vs. Frank Gulia et, u Prim' Awla Ċivili tal-20 ta' Ġunju, 1959 Francesco Abela vs. Frank Gulia et), kif ukoll il-mandat tiegħu jibqa' jseħħ biss f'dika l-proċedura li għaliha huwa jkun ġie nominat kuratur in forza tar-regoli tal-mandat.

Illi kwindi Antonio Tabone kif fuq intqal nominat fuq eċċettazzjoni tiegħu tal-Bandi fl-ittra uffiċjali maħruġa millattur odjern kontra l-eredi ta' Carmelo u Maria Antonia miżżewġin Tabone, għall-immissjoni fil-pussess tal-legat lilu mħolli *kif hemm menzjonat* f'dika l-proċedura uffiċjali jirrigwarda biss daka l-istess mandat u ma jistendiex ruħu għallkawża odjerna, li hija kawża ta' likwidazzjoni u diviżjoni talassijiet hemm menzjonati.

Għalhekk:—

Taqta' u tiddeċidi billi tordna li Antonio Tabone bħala kuratur tal-assenti menzjonati fl-atti jiġi maħruġ barra millkawża a spejjeż tal-attur u kontemporaneament jekk fl-istess tal-atti hekk jidhirlu li jista' jirrendi valida t-talba odjerna tiegħu kontra l-assenti, lill-attur jipproċedi skond il-liġi sabiex *l-istess assenti jiġu debitament rappreżentati f'dina* l-kawża u b'hekk tiċħad kwalunkwe eċċezzjoni ta' Antonio Tabone, flisem Francis Tabone a spejjeż tiegħu u tordna li l-kawża tibqa' differita għas-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru, 1963 fid-9 a.m.